IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
SANTE/2023/00673
[…](2023) XXX FINAL

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**dwar il-Fehim ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar il-Flessibbiltà previsti fir-Regolamenti dwar l-Iġjene u l-kontrolli uffiċjali relatati fuq il-prodotti ta' oriġini mill-annimali**

**Linji Gwida għall-awtoritajiet kompetenti**

***Li jakkumpanjaw id-dokumenti***

**Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel**
**Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali**

**Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2019 rigward ir-regoli speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam u għaż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**NOTA**

Dawn il-Linji Gwida għandhom jintużaw flimkien mad-Dokumenti ta' gwida għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Iġjene:

- Dokument ta' gwida dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 852/2004,
- Dokument ta' gwida għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 853/2004,
- Avviż tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi għall-immaniġġjar tas-sikurezza tal-ikel li jkopru l-Prattiki tal-Iġjene Tajba u l-proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP, inkluż il-faċilitazzjoni/il-flessibbiltà tal-implimentazzjoni f'ċerti negozji tal-ikel (2022/C 355/01),
- Avviż tal-Kummissjoni li jipprovdi gwida dwar is-sistemi tal-immaniġġar tas-sikurezza alimentari għal attivitajiet tal-bejgħ bl-imnut tal-ikel, inkluż donazzjonijiet tal-ikel (2020/C 199/01),

fejn jiġu spjegati t-terminoloġija u r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Iġjene, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà.

Id-dokumenti ta' gwida huma ppubblikati fuq is-sit web tad-DĠ SANTE fuq il-link li ġej:

https://food.ec.europa.eu/safety/biological-safety/food-hygiene/guidance-platform_en

Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (2022/C 467/02)[1].

*Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà: dan id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni mhux neċessarjament jirrifletti l-fehma tal-Kummissjoni.*

[1] EUR-Lex - 52022XC1208(01) - MT - EUR-Lex (europa.eu)

## 1. INTRODUZZJONI

Dan id-dokument għandu jservi bħala bażi għal fehim aħjar ta' ċerti dispożizzjonijiet għall-flessibbiltà previsti fir-Regolamenti dwar l-Iġjene[2] u jwassal għal użu aħjar ta' dawn id-dispożizzjonijiet mill-Istati Membri. Għandu jiġi enfasizzat li l-flessibbiltà tar-Regolamenti dwar l-Iġjene ma hijiex limitata għall-punti msemmija f'dan id-dokument.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà li jinsabu fir-Regolamenti dwar l-Iġjene joffru l-possibbiltajiet:

- li jingħataw:
  - (i) **derogi/eżenzjonijiet** minn ċerti rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi (ara l-Kapitolu 2),
  - (ii) **adattamenti** ta' ċerti rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi (ara l-Kapitolu 3),
- li jiġu **eskluži** xi attivitajiet mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Iġjene (ara l-Kapitolu 4).

Meta jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà, l-Istati Membri għandhom b'mod ġenerali jadottaw miżuri nazzjonali.

Il-prinċipji ewlenin għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà huma s-sussidjarjetà u t-trasparenza:

- abbażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex isibu soluzzjonijiet għal sitwazzjonijiet lokali,
- abbażi tal-prinċipju tat-trasparenza, kull abbozz ta' dawn il-miżuri nazzjonali jrid jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra (ara l-Kapitolu 6).

Peress li l-prinċipji u r-rekwiżiti tar-Regolamenti dwar l-Iġjene fetħu s-suq tal-Unjoni Ewropea għall-operaturi kollha fis-settur tal-ikel, il-miżuri nazzjonali kollha jridu jiġu notifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fl-istadju tal-abbozz, sabiex dawn jiġu infurmati u jingħataw il-possibbiltà li jikkummentaw dwar l-abbozz tal-leġiżlazzjoni li jibda japplika wara l-adozzjoni. Huma stabbiliti proċeduri differenti ta' notifika.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà huma stabbiliti wkoll fir-rekwiżiti tal-UE fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali u huma ċċarati f'din il-gwida.

## 2. DEROGI/EŻENZJONIJIET MILL-ANNESSI TAR-REGOLAMENTI DWAR L-IĠJENE

**Derogi/Eżenzjonijiet** tfisser li huwa stabbilit fir-Regolamenti dwar l-Iġjene li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jawtorizzaw lill-operaturi tan-negozju tal-ikel biex ma japplikawx rekwiżiti speċifikati tar-Regolamenti dwar l-Iġjene f'ċirkostanzi speċifikati.

F'ċerti każijiet, ir-Regolamenti dwar l-Iġjene jipprevedu li l-awtorità kompetenti tawtorizza ċerta flessibbiltà. Dawn is-sitwazzjonijiet normalment jiġu introdotti

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55)

permezz ta' formulazzjoni, bħal "jekk l-awtorità kompetenti tippermetti dan", "sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mill-awtorità kompetenti", "bl-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti", eċċ.

Eżempji:

- L-informazzjoni dwar il-katina alimentari tista' takkumpanja l-annimali jekk l-awtorità kompetenti tippermetti dan.
- Il-biċċeriji ma għandhomx bżonn ikollhom post separat b'faċilitajiet xierqa għat-tindif, il-ħasil u d-diżinfezzjoni tal-mezzi tat-trasport għall-bhejjem, jekk jeżistu postijiet u faċilitajiet uffiċjali awtorizzati fil-qrib.
- Il-bini fejn ikel b'karatteristiċi tradizzjonali[3] jiġi espost għal ambjent meħtieġ għall-iżvilupp parzjali tal-karatteristiċi tiegħu, jista', b'mod partikolari, jinkludi ħitan, soqfa u bibien li ma jkunux lixxi, impermeabbli, mhux assorbenti jew ta' materjal reżistenti għall-korrużjoni u ħitan, soqfa u pavimenti ġeoloġiċi naturali.

Huwa f'idejn l-Istati Membri li jagħtu d-derogi/l-eżenzjonijiet fil-livell nazzjonali fuq bażi ta' każ b'każ. Meta jkunu meħtieġa miżuri nazzjonali (eż. it-tieni eżempju), l-abbozzi ta' dawn il-miżuri nazzjonali jridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535[4] (ara l-Kapitolu 6.1), ħlief għal ikel b'karatteristiċi tradizzjonali li għalih għandha tintuża l-proċedura simplifikata (il-Kapitolu 6.3).

Derogi jew eżenzjonijiet oħra jistgħu jingħataw biss mill-Kummissjoni u dawn is-sitwazzjonijiet huma definiti b'mod eżawrjenti fir-Regolamenti dwar l-Iġjene[5]. Id-derogi mill-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 jistgħu jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju u d-derogi mill-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 permezz ta' atti delegati.

## 3. ADATTAMENTI TAL-ANNESSI[6]

**Adattamenti** tfisser li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jadattaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi tar-Regolamenti dwar l-Iġjene f'ċirkostanzi speċifikati.

Ir-responsabbiltà għall-adattament tar-regoli għal sitwazzjonijiet lokali speċifiċi għandha tkun f'idejn l-Istati Membri peress li jinsabu f'pożizzjoni aħjar biex jiġġudikaw u jsibu soluzzjonijiet xierqa, sakemm l-ilħuq tal-objettivi tar-Regolamenti dwar l-Iġjene ma tiġix kompromessa.

---

3 L-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 (ĠU L 338 22.12.2005, p. 27)

4 Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1)

5 Il-Paragrafu 2 tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Paragrafu 2 tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) 853/2004.

6 Il-Paragrafi 3-5 tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Paragrafi 3-5 tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) 853/2004.

L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali sabiex **jadattaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi.** L-għan ewlieni ta' dawk il-miżuri nazzjonali huwa **limitat** għaċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) Biex ikun jista' jsir użu kontinwu ta' metodi tradizzjonali ta' produzzjoni (kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar jew tad-distribuzzjoni tal-ikel)[7] (eż. laħam tar-renni imnixxef b'mod tradizzjonali (il-Finlandja), prodotti tal-laħam imnixxef mhux ipproċessat minn laħam ikkapuljat u mhux ikkapuljat (il-Bulgarija), tneħħija immedjata tal-ġewwieni tal-pollam (Franza)),

(b) Biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet tan-negozji tal-ikel li jinsabu f'reġjuni li huma soġġetti għal restrizzjonijiet ġeografiċi speċjali[8], (eż. sinkijiet b'ilma sħun u kiesaħ ġewwa farms li jipproduċu ġobon f'żoni muntanjużi (il-Ġermanja), faċilitajiet għall-ħasil ta' oġġetti tal-ikel separati minn sinkijiet ġewwa farms li jipproduċu ġobon f'żoni muntanjużi (il-Ġermanja)),

(c) Biex jiġu adattati r-rekwiżiti dwar il-kostruzzjoni, it-tqassim u t-tagħmir tal-istabbilimenti[9], (eż. faċilitajiet speċjali għat-tqattigħ tal-laħam fin-negozji tal-ikel b'biċċeriji b'kapaċità baxxa (speċifikata) (iċ-Ċekja)).

Għandha tintuża proċedura ta' notifika f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Iġjene (ara l-Kapitolu 6.2) ħlief għal ikel b'karatteristiċi tradizzjonali li għalih għandha tintuża l-proċedura simplifikata (il-Kapitolu 6.3).

## 4. ESKLUŻJONIJIET

### 4.1. Attivitajiet eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 178/2002[10]

Dan jinkludi:

(a) Produzzjoni primarja għall-użu domestiku privat,

(b) Il-preparazzjoni, it-trattament jew il-ħażna domestiċi ta' ikel għall-konsum domestiku privat.

Il-"konsum domestiku privat" huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi Ġenerali tal-UE dwar l-Ikel u, għalhekk, mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Iġjene[11] wkoll.

F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali aktar stretti jekk iqisu li dan ikun meħtieġ (eż. l-ittestjar għat-*Trichinella* tal-ħnieżer maqtula għall-konsum domestiku privat jew l-ittestjar għat-*Trichinella* tal-ħnieżer selvaġġi maqtula għall-konsum domestiku privat mill-kaċċatur).

---

7 Il-Paragrafu 4 (a)(i) tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Paragrafu 4 (a)(i) tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) 853/2004.

8 Il-Paragrafu 4 (a)(ii) tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Paragrafu 4 (a)(ii) tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) 853/2004.

9 Il-Paragrafu 4 (b) tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Paragrafu 4 (b) tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) 853/2004.

10 Il-Paragrafu 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1)

11 Il-Paragrafu 2 (a) u (b) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, il-Paragrafu 3(a) u (b) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

**4.2. Attivitajiet eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 852/2004[12] (iġjene ġenerali tal-ikel) u tar-Regolament (KE) Nru 853/2004[13] (iġjene tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali)**

Dan jinkludi l-provvista diretta, mill-produttur primarju, ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti primarji lill-konsumatur finali u lill-istabbiliment lokali tal-bejgħ bl-imnut li jforni direttament lill-konsumatur finali[14][15] (eż. ħalib mhux ipproċessat, bajd[16], għasel, frott, ħxejjex, kaċċa selvaġġa).

L-Istati Membri huma obbligati jadottaw regoli nazzjonali. Madankollu, id-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u tar-Regolament (UE) 2017/625[17] japplikaw biex jirregolaw dawn l-attivitajiet.

**4.3. Attivitajiet eskluži biss mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 (iġjene tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali)**

Għall-każijiet kollha msemmija f'dan il-punt, japplikaw ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u r-Regolament (UE) 2017/625 u l-Istati Membri huma obbligati jadottaw regoli nazzjonali.

**(a) Kwantitajiet żgħar ta' prodotti għajr il-prodotti primarji**

Dan jinkludi:

(i) Il-provvista diretta mill-produttur ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam tal-pollam u tal-lagomorfi, maqtula fir-razzett, lill-konsumatur finali jew lill-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut lokali li jissuplixxu dan il-laħam lill-konsumatur finali[18,19,];

(ii) Kaċċaturi li jipprovdu kwantitajiet żgħar ta' laħam tal-kaċċa selvaġġa direttament lill-konsumatur finali jew lill-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut lokali li jipprovdu dan il-laħam lill-konsumatur finali[20].

Il-prinċipju ewlieni dwar "kwantitajiet żgħar" huwa s-sussidjarjetà peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jkomplu jirfinaw dan il-kunċett skont is-sitwazzjoni lokali, u li jistabbilixxu r-regoli meħtieġa, skont il-liġi nazzjonali,

---

12 Il-Paragrafu 2 (c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

13 Il-Paragrafu 3 (c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

14 Il-Paragrafu 2 (c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

15 Il-Paragrafu 3 (c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

16 Mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-UE, eż. id-dispożizzjonijiet tal-Parti VI tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671)

17 Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1)

18 Il-Paragrafu 3 (d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

19 Mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-UE eż. dispożizzjonijiet tal-Parti V tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

20 Il-Paragrafu 3 (e) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

biex jiżguraw li s-sikurezza tal-ikel tkun garantita. Għadha għaddejja ħidma ulterjuri biex jiġi eżaminat kemm tista' tinkiseb armonizzazzjoni. Id-definizzjoni ta' kwantitajiet żgħar trid tkun konformi mal-preambolu ta' dawn ir-regolamenti, li jiġġustifika din l-esklużjoni bir-relazzjoni mill-qrib bejn il-produttur u l-konsumatur. Peress li dawn id-dispożizzjonijiet huma eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali, dawn għandhom jiġu applikati strettament u ma jistgħux iwasslu biex jitneħħa l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti proporzjon kbir tal-attività kkonċernata.

**(b) Bejgħ bl-imnut**

(i) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma japplikax għal stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut li jipprovdu direttament ikel li joriġina mill-annimali lill-konsumatur finali (eż. ħwienet tal-laħam, supermarkets, produzzjoni ta' ġobon ġewwa farms, eċċ.). Għalhekk, l-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut ma għandhomx għalfejn jiġu approvati. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali biex japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 (eż. approvazzjoni) għall-bejgħ bl-imnut.

(ii) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 japplika għall-bejgħ bl-imnut meta l-operazzjonijiet jitwettqu bil-għan li jiġi pprovdut stabbiliment ieħor tal-bejgħ bl-imnut[21] (eż. ħanut tal-laħam li jipprovdi l-laħam f'ristorant jew f'canteen tal-iskola). F'dan il-każ, l-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut jeħtieġ li jiġu approvati.

(iii) Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma japplikax għal stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut li jipprovdu stabbiliment ieħor tal-bejgħ bl-imnut jekk din l-attività tkun rikonoxxuta bħala marġinali, lokalizzata u ristretta f'konformità mal-liġi nazzjonali[22]. L-istabbilimenti li jibbenefikaw minn din id-dispożizzjoni ma għandhomx għalfejn jiġu approvati.

*Lokalizzata*: ikel maħsub għas-**suq lokali biss**, l-istabbiliment fornut għandu jkun fil-**viċinanza immedjata** (NB: lokali ma tfissirx nazzjonali),

*Marġinali*: attività bħal din hija biss parti żgħira/minuri/insinifikanti min-negozju tal-istabbiliment fornitur jew tirrappreżenta ammont żgħir ta' ikel f'termini assoluti,

*Ristretta*: il-provvista tikkonċerna biss ċerti tipi ta' prodotti jew stabbilimenti.

Il-prinċipji dwar kif għandha tiġi implimentata din id-deroga ġew miftiehma fl-2005 mal-Istati Membri u ġew stabbiliti fid-Dokument ta' gwida għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

L-intenzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet kienet, pereżempju, li l-bejjiegħ tal-laħam jitħalla jipprovdi l-laħam lill-canteens tal-iskejjel jew lir-ristoranti lokalment.

Abbozzi ta' miżuri nazzjonali relatati mal-esklużjonijiet f'dan il-Kapitolu 4 iridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535 (ara l-Kapitolu 6.1).

---

21 Il-Paragrafu 5 (b) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

22 Il-Paragrafu 5 (b) (ii) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

## 5 DEROGI U ADATTAMENTI GĦAL KONTROLLI UFFIĊJALI FUQ PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI

Mill-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali, l-adattamenti skont il-liġi nazzjonali tal-kontrolli uffiċjali ma għadhomx possibbli, ħlief fil-qafas tal-istudji pilota (l-Artikolu 18(9)). Abbażi tal-esperjenzi miksuba, ċerti derogi (taħt ċerti kundizzjonijiet) ingħataw direttament f'Regolament Delegat (jiġifieri r-Regolament Delegat (UE) 2019/624[23]), direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha. Derogi ulterjuri (fi ħdan il-kompetenzi mogħtija lill-Kummissjoni fir-Regolament (UE) 2017/625) jew l-irtirar ta' derogi jistgħu jitqiesu fil-futur, meta jkunu rilevanti. Id-derogi attwali jinkludu kriterji u kundizzjonijiet li taħthom:

- l-ispezzjoni *ante mortem* tista' ssir mill-awżiljarju uffiċjali fil-biċċerija jew mill-veterinarju uffiċjali fl-azjenda ta' provenjenza;
- l-ispezzjoni *post mortem* tista' ssir filwaqt li l-veterinarju uffiċjali ma jkunx preżenti fil-biċċerija (biċċeriji b'kapaċità baxxa jew stabbilimenti li jittrattaw il-kaċċa.

Derogi oħra jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' kontroll uffiċjali (spezzjoni tal-laħam) tar-renni u tal-faġan, f'partijiet speċifiċi tal-UE.

L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali li jimplimentaw proġetti pilota limitati fiż-żmien u fil-firxa, biex jevalwaw arranġamenti prattiċi alternattivi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam. Arranġamenti alternattivi bħal dawn se jitwettqu l-aktar b'mod parallel mar-rekwiżiti eżistenti peress li trid tiġi garantita l-konformità mal-objettivi tar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel. L-abbozzi tal-miżuri nazzjonali għandhom jiġu nnotifikati f'konformità mal-proċedura fil-Kapitolu 6.1.

Abbażi tal-esperjenzi miksuba jew tal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, il-Kummissjoni tista' temenda wkoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627[24], inklużi dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà addizzjonali, bl-użu tal-proċedura ta' eżami.

## 6. NOTIFIKI TA' ABBOZZI TA' MIŻURI NAZZJONALI

Il-proċeduri ta' notifika jipprovdu wkoll ċertu livell ta' "armonizzazzjoni" tar-regoli fil-livell tal-UE (eż. definizzjoni ta' kwantitajiet żgħar, attività lokalizzata, marġinali u ristretta, stabbilimenti li jinsabu f'reġjuni li huma soġġetti għal restrizzjonijiet ġeografiċi speċjali, eċċ.).

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, in-nuqqas li jiġi ssodisfat l-obbligu ta' notifika, bħala difett proċedurali fl-adozzjoni tar-regolamenti tekniċi kkonċernati, jagħmel dawn ir-regolamenti tekniċi inapplikabbli u mhux infurzabbli kontra l-individwi.

Il-miżuri nazzjonali mingħajr notifika jistgħu jwasslu għall-ftuħ ta' proċedura ta' ksur.

---

23 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2019 rigward ir-regoli speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam u għaż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 1)

24 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51)

## 6.1 Proċedura ta' notifika f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535

L-abbozzi kollha tal-miżuri nazzjonali bil-għan li jiġu stabbiliti miżuri jew speċifikazzjonijiet tekniċi (eż. il-miżuri nazzjonali kollha adottati għad-derogi speċifiċi (il-Kapitolu 2, ħlief l-ikel b'karatteristiċi tradizzjonali) jew l-esklużjonijiet (il-Kapitolu 4)) huma koperti.

Fil-każ ta' proġett pilota (il-Kapitolu 5), tapplika wkoll din il-proċedura ta' notifika. Barra minn hekk, ir-riżultati għandhom jiġu kkomunikati wkoll lill-Kummissjoni (SANTE) hekk kif ikunu disponibbli.

Il-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 hija ġestita mis-sistema TRIS. L-Istati Membri li jinnotifikaw l-abbozzi ta' miżuri nazzjonali jridu jibagħtu l-abbozz permezz tal-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni. Id-Direttiva (UE) 2015/1535 hija ġestita mid-DĠ GROW, li żviluppa TRIS, software użat mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex jiġu trażmessi l-abbozzi tal-miżuri. It-traduzzjonijiet jieħu ħsiebhom id-DĠ GROW.

## 6.2 Għandha tintuża l-proċedura ta' notifika f'konformità mar-Regolamenti[25] dwar l-Iġjene:

L-Istati Membri li jinnotifikaw l-abbozzi ta' miżuri nazzjonali (il-Kapitolu 3) jridu jibagħtu l-abbozz lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra (eż. il-miżuri nazzjonali kollha adottati għall-adattamenti tal-Annessi stabbiliti fil-Kapitolu 3). It-traduzzjonijiet jieħdu ħsiebhom l-Istati Membri li jinnotifikaw l-abbozz.

Jekk ikun meħtieġ, il-kummenti mill-Istati Membri li jaslu għand il-Kummissjoni jistgħu jiġu diskussi fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari.

NB: Jekk abbozz ta' miżura nazzjonali jaqa' taħt iż-żewġ proċeduri (il-proċedura speċifika tal-Iġjene u dik tad-Direttiva (UE) 2015/1535), għandha tintuża t-TRIS. F'dak il-każ, l-Istat Membru jindika ż-żewġ bażijiet ġuridiċi. Huwa possibbli wkoll li jintbagħtu abbozzi ta' miżuri permezz tat-TRIS filwaqt li jiġi speċifikat li l-unika bażi ġuridika tagħhom hija r-regolamenti dwar l-iġjene (filwaqt li jsemmu l-artikoli). It-traduzzjonijiet jieħu ħsiebhom id-DĠ GROW.

## 6.3 Deroga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 għal ikel b'karatteristiċi tradizzjonali: l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2074/2005:

Proċedura ta' notifika simplifikata (informazzjoni u ċerti kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati) hija stabbilita għall-ikel b'karatteristiċi tradizzjonali fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2074/2005. L-objettiv ta' din id-deroga kien li l-ikel tradizzjonali eżistenti jintgħaraf bi proċedura simplifikata meta ġew adottati r-Regolamenti dwar l-Iġjene. F'dan il-każ, l-Istati Membri jridu, mhux aktar tard minn 12-il xahar wara li jagħtu derogi individwali jew ġenerali jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra derogi mogħtija b'deskrizzjoni tar-rekwiżiti adattati u l-oġġetti tal-ikel u l-istabbilimenti kkonċernati. La huwa applikabbli perjodu ta' waqfien totali u lanqas huma applikabbli kummenti minn Stati Membri oħra u mill-Kummissjoni.

[25] Il-Paragrafu 5-7 tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Paragrafi 5-7 tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) 853/2004.